MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 34/1997/1

A.F.Ellis Limited .

vs

Michael Said .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti jħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' ħames mija w erbgħa u sebgħin lira Maltija (Lm574.00) bilanċ dovut lis-soċjeta' attriċi rappreżentanti taraġ tal-granit mixtri minnek konvenut .

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali spedita f'Marzu 1997 u bl-imgħaxijiet dovuti skond il-Liġi mid-data tal-konsenja sad-data tal-ħlas effettiv .

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzonijiet tal-konvenut li eċċepixxa :

Illi fl-ewwel lok huwa ma għandu jagħtio xejn lis-soċjeta' attriċi stante illi t-talbiet attriċi huma llum kolpiti bil-preskrizzjoni estintiva ta' tmintax-il xahar, ai termini tal-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kodiċi Ċivili; kif ukoll dik estintiva ta' ħames snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-istess Kodiċi .
Illi fit-tieni lok u mingħajr pregġudizzju għas-suespost, is-soċjeta attriċi naqset illi tieħu in konsiderazzjoni l-pagamenti kollha magħmula mill-eċċipjenti, u anke jekk għal grazzja tal-argument, datum sed non concessum, jirriżulta illi huwa dovut xi ammont lis-soċjeta attriċi, l-ammont illi qegħda titlob l-istess soċjeta' huwa wieħed eċċessiv .

Illi fit-tielet lok u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-taraġ supplit mis-soċjeta' attriċi ma huwiex tal-kwalita' pattwita, stante illi l-granit supplit huwa ta' żewġ kwalitajiet diversi . Għaldaqstant l-esponenti qiegħed minn issa jitlob illi jekk din l-Onorabbli Qorti tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tiegħu hija tissospendi s-smiegħ ta' din il-kawża u tipprefiġġi terminu lill-esponenti illi matulu huwa għandu jipproċedi b'kawża għax-xoljiemnt tal-bejgħ u rifużjoni tal-prezz minnu imħallas, kif ukoll għall-ħlas tad-danni, u eventwalment tkompli tisma'din il-kawża wara li tiġi deċiża dik il-kawża .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat is-sentenza tagħha tat-8 ta' Frar 2001 dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikoli 2148(a) u (b) u 2156(f) tal-kap. 16 .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut tad-9 ta' Mejju 2003 li permezz tagħha eċċepixxa l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili .

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti u d-dokumenti esebiti .

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta’ din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob il-ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' fornitura u tqegħid ta’ granit f’fond proprjeta’ tal-konvenut . Permezz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tiegħu, il-konvenut qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2149 tal-Kap. 16 . Imma kif sewwa tikkontendi s-soċjeta' attriċi, din l-eċċezzjoni hija inkompatibbli ma' l-eċċezzjoni l-oħra illi t-tarag tal-granit supplit mhux tal-kwalita' pattwita . Kif intqal mill-Qrati tagħna, "*Jinsab stabilit pero' l-prinċipju illi għall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni,jekk id-debitur, b'att tiegħu spontaneu ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni*. (kollez. vol. XXXVII. pt. i p. 310) … *allura jkollu jingħad illi, fil-preżenza tal-kondotta proċesswali assunta mill-appellant, dan mhux biss ma baqax ankrat mal-preżunzjoni konstitwenti din il-preskrizzjoni, kif kellu dritt jagħmel, talli spontanjament għadda 'l quddiem biex jasserixxi li hu kien issalda żmien qabel is-somma reklamata . Dan, għall-Qorti, ma jistax ħlief ifisser illi hu kien qed jirrikonoxxi l-eżistenza tas-somma reklamata b'dan li hu kien qed jinsisti li ħallasha . Fi kliem ieħor mill-preżunzjoni għadda għall-affermazzjoni tal-ħlas . Fil-ħsieb tal-Qorti tali atteġġjament hu inkompatibbli ma' dik il-volonta' fl-appellanti li javvalora ruħu mill-kawża estintiva ta' l-azzjoni bl-eċċepita preskrizzjoni . Jingħad a propożitu mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni* (16 ta' Novembru 1980, numru 5973) *illi* ***'il riconoscimneto del diritto idoneo ad interompere il decorso della prescrizione puo essere anche tacito e consistere quindi, comportamento incompatibile con la volonta' di disconoscere la pretesa del creditore****.' Effettivament din il-Qorti tara fl-atteġġjament assunt mill-appellanti fil-kors tal-proċess, u in partikolari fl-istess depożizzjoni tiegħu, vera kontradizzjoni in kwantu mill-banda l-waħda jappilja mal-ħlas preżuntiv li tagħmel il-preskrizzjoni eċċepita, mentri minn naħa l-oħra fix-xhieda*

*tiegħu jirrikonoxxi li l-kreditu għalkemm jeżisti, mhux dovut għax hu kien issaldah*." [1]

Il-Qorti kkwotat estensivament minn din is-sentenza għax jidhrilha illi hija ferm applikabbli għal każ in eżami . Dan għaliex mill-banda l-waħda l-konvenut qed jeċċepixxi din il-preskrizzjoni, u mill-oħra qed jallega wkoll illi x-xogħol supplit u esegwit mid-ditta attriċi mhux tal-kwalita' pattwita . Dan iġib illi qiegħed impliċitament jammetti illi l-ammont mitlub, tassew ma ħallsux, imma jippretendi li m'għandux iħallas għax ma sarx kif kien ordnat minnu . Għal din ir-raġuni għalhekk din l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni qed tiġi wkoll respinta .

Eċċezzjoni oħra tal-konvenut hija fis-sens illi l-ammont mitlub huwa wieħed eċċessiv . Imma l-konvenut baqa' qatt ma ressaq ebda prova dwar dan, anzi fit-trattazzjoni orali, l-legali tiegħu jgħid espliċitament illi l-konvenut mhux jikkontesta l-ammont *ut sic*, imma jippretendi illi qabel iħallas il-bilanċ, għandhom isiru r-rimedji neċessarji . Din l-eċċezzjoni qed tiġi ukoll għalhekk miċħuda .

Permezz ta' l-aħħar eċċezzjoni tiegħu, il-konvenut jikkontendi illi t-taraġ supplit ma kienx tal-kwalita' pattwita . Imma kif ġie stabilit mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward : "*L-artikolu 1390 tal-Kap. 16 kjarament u tassativament jiddeponi illi 'jekk il-ħaġa li l-bejjiegħ iġib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwegħda jew ma tkunx bħall-kampjun li fuqu l-bejgħ ikun sar, ix-xerrej jista' jagħżel : (1) jew li jirrifjuta l-ħaġa u jitlob id-danni ; (2) jew li jirċievi l-ħaġa bi prezz anqas fuq stima ta' perit' . Minn imkien fil-liġi ma jirriżulta d-dritt li qed jippretendu l-appellanti li l-venditur iżomm l-oġġetti li ma jkunux skond il-kwalita' miftehma jew bħall-kampjun u jesiġi li dan jiġi b'xi mod irranġat, in parte mibdul jew sostitwit . Din hi dispożizzjoni essenzjali għall-protezzjoni tal-kompratur kontra l-pretensjoni tal-venditur li, una volta jkun ikkonsenja oġġett mhux tal-kwalita' miftehma jew mhux bħall-kampjun, jippretendi li l-kompratur kellu jżomm dak l-oġġett*

[1] Appell Inferjuri Għawdex : Maltacom p.l.c. vs Paul Piscopo; 5.7.2006 .

*ikkonsenjat waqt li hu jipprova jirranġah jew jimmodifikah biex iġibu jaqbel mal-kampjun jew mal-kwalita' miftehma . Il-kompratur kellu d-dritt li jagħżel li jirrifjuta l-oġġett jew li jżommu bi prezz anqas . Din hi l-għażla miftuha lill-kompratur li l-appellanti, għar-raġunijiet tagħhom, ma għamlux*." [2]

Jiġi għalhekk illi ġialadarba l-konvenut qajjem din l-eċċezzjoni, huwa messu, kif appuntu għamel fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, insista fit-talba tiegħu illi din il-Qorti tagħtih iż-żmien sabiex jintavola l-kawża opportuna ghax-xoljiment tal-bejgħ u r-rifużjoni tal-prezz minnu imħallas . Dan pero' ma rriżultax illi l-konvenut qatt għamlu, u għalhekk, billi fil-fehma tagħha u in vista ta' din il-ġurisprudenza, dan ir-rimedju ma jistax jingħata lill-konvenut *per via di eccezzione,* din l-aħħar eċċezzjoni tiegħu lanqas ma tista' tkun ġustifikata .

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont mitlub fl-Avviż u ċioe' s-somma ta' ħames mija erba' u sebgħin lira maltija (Lm574) rappreżentanti bilanc dovut lilha mill-konvenut għat-taraġ tal-granit supplit lill-konvenut u mqiegħed fir-residenza tiegħu .

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza u dik preliminari tagħha tat-8 ta' Frar 2001, u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Joseph Cassar Aveta noe. vs Jospeh Gatt et.: Appell Superjrui: 4.12.1998 kollez vol. LXXXII pt. II. pag. 1281 .